

IL-PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

28.3.2007

0037./2007

DIKJARAZZJONI BIL-MIKTUB

impressqa bi qbil ma' l-Artikolu 116 tar-Regolament

minn Ivo Belet, Jean-Luc Bennahmias, Adeline Hazan, Guy Bono u Patrick Gaubert

dwar il-ġlieda kontra t-traffikar u l-isfruttament tat-tfal fil-futbol

Skadenza: 28.6.2007

PE 387.762

MT

MT

Dikjarazzjoni bil-miktub dwar il-ġlieda kontra t-traffikar u l-isfruttament tat-tfal fil-futbol

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-artikolu 116 tar-Regolament tiegħu,
 - A. billi jikkunsidra l-fatt li t-traffikar ta' futbolers żgħażaġh Afrikani mar għall-agħar, il-miġja mhix irregolata tagħhom f'territorju Ewropew fejn bosta adolexxenti jinsabu f'sitwazzjoni prekarja
 - B. billi l-element ekonomiku attraenti tal-futbol jikkostitwixxi, għal miljuni ta' tfal, illużjoni u riskju f'dak li għandu x'jaqsam ma' l-istrumenti illegali ta' reklutaġġ
 - C. billi l-persuni li jirreklutaw huma jew aġenti ta' futbolers li ġew imkeċċija minn xogħolhom, jew inkella individwi li jaħdmu ma' klabbs professjonali Ewropej
 - D. billi jieħu kont tad-dispożizzjonijiet li jiproteġu l-persuna ta' taħt l-età fir-Regolamenti tal-futbol u l-liġijiet tal-maġġoranza ta' l-Istati Ewropej,
 - E. billi hemm ir-riskju li t-Tazza tad-Dinja li jmiss, li se sseħħ fl-Afrika fl-2010, tamplifika dan il-fenomenu;
1. jikkundanna bis-saħħa t-traffikar ta' futbolers żgħażaġh;
 2. jitlob lill-awtoritajiet tal-futbol Ewropew, u lill-Istati, sabiex jagħmlu kull ma jistgħu sabiex jitwaqqfu dawn il-prattiki;
 3. jitlob lill-UEFA sabiex timplimenta dispożizzjonijiet kumplementari għar-Regola relatata mal-"futbolers li jiġu mħarrġa lokalment" biex tiġi pprevenuta żieda fit-"traffikar ta' futbolers żgħar ħafna";
 4. jirrikonoxxi l-irwol soċjali ta' l-assoċjazzjonijiet fil-ġlieda kontra l-isfruttament tat-tfal
 5. jistieden lill-awtoritajiet tal-futbol (il-UEFA, il-Fifa, il-legi) ħalli jqisu l-possibiltà li jimponu sanzjonijiet fuq il-klabbs u l-aġenti tal-futbolers li jieħdu sehem f'dan it-traffikar;
 6. jirrakkomanda l-implimentazzjoni ta' karta tal-futbol solidari u ta' fond speċifiku għall-iffinanzjar ta' programm ta' prevenzjoni fil-pajjiżi ta' oriġini;
 7. jiġbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet politiċi fuq is-soluzzjoni ta' politika ta' kożvilupp;
 8. jinkariga lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din id-dikjarazzjoni, flimkien ma' l-isem tal-firmatarji, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, lill-UEFA u lill-FIFA.